

Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)

9124/21

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0233(NLE)

WTO 141
AGRI 237
UD 145
UK 139

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	10634/20 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Kuba skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea - Adozzjoni

1. Fid-9 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar¹, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Kuba skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 relatat mal-modifika tal-konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-Iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, kif ukoll proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni² ta' dak il-Ftehim.

¹ ST 10633/20 + ADD 1.

² ST 10634/20 + ADD 1.

2. Fit-13 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar³ tal-Ftehim. Fl-istess ħin u f'konformità mal-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jidher fid-dokument 10637/20, flimkien mal-Ftehim innifsu⁴, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu, bil-ħsieb tat-tnejjija għall-konklużjoni futura tal-Ftehim.
3. Il-Ftehim mar-Repubblika ta' Kuba ġie ffirmat fil-11 ta' Marzu 2021.
4. Fit-18 ta' Mejju 2021, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.
5. Fit-28 ta' Mejju 2021, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) approva l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
 - jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 10637/20; u
 - jieħu nota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.

³ ST 10636/20 (ippubblikat fil-ĠU L 343, 16.10.2020, p. 1).

⁴ ST 10638/20.